MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Numru 628/1998

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Farrugia**

**vs**

**Anthony Borg**
**Joseph Borg**
**Peter Borg (Sr.)**
**Peter Borg (Jr.)**
**Stephen Borg**

Il-Qorti:

Rat li l-imputati Anthony Borg ta' 15-il sena, bin Peter u Vincenza nee' Cassar, imwieled, B' Kara fil-21 ta' Frar

1983, u joqghod ‘’My Nest’’, Triq San Giljan B’kara, Joseph Borg ta’ 17 -il sena, bin Peter u Mary nee’ Farrugia, imwieled Attard, fil-31 ta’ Marzu 1981, u joqghod ‘’My Nest’’, Triq San Giljan B’kara, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 173581(M), Peter Borg ta’ 42-il sena, bin John u Lugarda nee’ Cutajar, imwieled B’Kara, fit-30 ta’ Mejju 1956 u joqghod ’My Nest’’, Triq San Giljan B’kara, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 391356(M), Peter Borg ta’ 18 –il sena, bin Peter u Mary nee’ Farrugia, imwieled Attard, fl-14 ta’ Novembru 1979, joqghod ‘’My Nest’’, Triq San Giljan B’kara, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 557979 (M) u Stephen Borg ta’ 19-il sena, , bin Peter u Mary nee’ Farrugia, imwieled Attard, fl-10 ta’ Ottubru 1978, joqghod ‘’My Nest’’, Triq San Giljan B’kara, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 483578 (M) u li gew imressqin quddiemha akkuzati talli:-
F’dawn il-Gzejjer go B’Kara, fil-11 ta’ Mejju 1997, ghall-habta tas-6:30a.m. -:

(a) Minghajr bil-hsieb li jqieghdu l-hajja ta’ Mario u Joseph Cutajar f’periklu car, ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq l-istess skond kif iccertifika Dr. Mario Cilia M.D. u dan billi rassew u tefghu minn fuq bridge ghall-isfel lil Mario u Joseph Cutajar li kienu rekbin fuq Serkin migbud b’ziemel, u aktar talli sawtuhom ai termini tal-artikoli 214 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, u cioe’ ziemel u karrettun, liema hsara tammonta ghall-aktar minn hames mitt lira (LM 500), ai termini tal-Artikoli 325(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) Kissru il-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, ai termini tal-Artikoli 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Qalu kliem oxen jew indecenti, liema kliem jikkonsistu fi kliem jew espressjoni ta’ dagha, ai termini tal-Artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U lil Peter Borg (Sr.) talli wahdu, fl-istess data, u lok u cirkostanzi, saq vettura b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni u b’manjiera perikoluza, minghajr tharis tar-regolamenti, ai termini ta’ l-Artikoli 15 (1a)(2) u 18(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitlba sabiex tiskwalifika lil Peter Borg (Sr.), mill-licenzi kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tliet xhur.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta' Ottubru 1998 (esebit *a folio* 32 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 1998 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif registrata fis-seduta tal-11 ta' April 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Rat li fis-seduta 11 ta' April 2008 il-parti civili Mario u Joseph Cutajar iddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputati u nfurmaw lil Qorti li kienu thallsu mill-imputati l-ispejjes kagunati lilhom.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati hallsu l-ispejjez konnessi mal-hsara volontarja u l-fatt li l-parti civili Joseph u Mario Cutajar rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325, 338(dd), 338(bb) u 242 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputati hatja tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza kif minnhom ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sena (1) millum.

Stante r-rinunzja da parti ta' Joseph Cutajar u Mario Cutajar il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza. Wara li rat l-Artikoli 15 (1)(a) u (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara lil Peter Borg (Sr) wahdu hati tal-hames akkuza kif minnu ammessa u tikkundannah multa ta' hamsin Ewro (50 €) u tiskwalifikah milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tmint (8) ijiem b'effett millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------